MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Numru 680/2004

PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY CASSAR
VS
*OMISSIS A*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *Omissis A* ta’ *omissis* sena, iben *Omissis G* u *Omissis H*, imwieled tal-*omissis* f’*omissis*, residenti fl-indirizz numru *omissis* u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru *omissis*;

Illi huwa akkuzat talli f’*omissis*, f’dawn l-ahhar sitt xhur, f’diversi hinijiet tal-gurnata:

1. Bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil *Omissis M1* minn *omissis*, liema persuna ghadha taht l-eta’ ta’

*omissis*-il sena, kontra l-volonta' taghha, liema delitt sar bhala mezz sabiex persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
2. B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bi vjolenza u b'eghmil zieni, ikkorrompa lill-istess *Omissis M1* kif ukoll lil huha *Omissis M2* minn *omissis*, liema delitti saru bi hsara ta' persuni li ma ghalqux it-*omissis*-il sena, u liema delitti saru b'theddid u bi vjolenza;
3. Ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess *Omissis M1*, *Omissis M2* u anke fuq ommhom *Omissis B*;
4. Offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;
5. Hedded lill-imsemmija persuni;
6. Uza xi sistema jew apparti ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn proveditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu minn proveditur awtorizzat ghal uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir, jew ghamel uzu minnu mhux sewwa;
7. Zamm u garr fuqu strumenti li jaqtghu u bil-ponta (stallett u sikkina), minghajr licenza mill-Kummissarju tal-Pulizija;
8. F'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, saq vettura *omissis* bin-numru *omissis* meta din il-vettura ma kinitx koperta b'licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u meta ma kinitx koperta b'polza ta' l-assikurazzjoni;

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' l-imsemmija *Omissis B* u l-familjari taghha, jew sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess *Omissis A* b'obbligazzjoni tieghu nniffsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Finalment il-Qorti hija mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, u dan skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.209) illi fuq l-istess Artikoli, din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 11 ta' Mejju 2006 (a fol.182) fejn l-imputat ma ghandux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza tikkoncerna akkuzi ta' sekwestru u korruzzjoni ta' minorenni, fost akkuzi ohra minuri ta' l-istess generu, allegatament kommessi mill-imputat kontra zewg minuri *Omissis M1* u *Omissis M2*, tfal ta' anqas minn *omissis* (*omissis*)-il sena.

Mix-xhieda tal-kwerelanti *Omissis B* jirrizulta illi l-imputat kien jahdem mal-familja mill-antik u sussegwentament beda jahdem bhala *farm-hand* ma' zewgha. Hija xehedet (a fol.13 et seq.) illi xi tlett (3) xhur qabel id-data citata fl-akkuza, fl-imputat kien avvicinaha u qalilha illi kellu sigriet. Dan is-sigriet kien batulha b'sms *"Fuq il-mobile li kelli* ***qabel****"* (ara fol.13) fejn kien infurmaha illi kellu grazzja maghha u kien ilu jhobbha ghal tmien (8) snin shah. Infurmaha li kien telaq lin-namrata tieghu certu *Omissis I* mix-*omissis*:

*“U jien kissirni kif qalli hekk u bblukkjali mohhi.”*

*Omissis B* xehedet illi qaltlu li hija kienet mara mizzewgha u bit-tfal u li thobb lir-ragel taghha u li kienet tistma lill-imputat bhala huha. Hija ddecidiet li ma tghidx lil zewgha fuq dan, allavolja, l-imputat beda jghidilha li ser jinforma lil zewgha. *Omissis B* xehedet illi f’okkazzjoni ohra, l-imputat kien qalilha li kien mar lejn ir-razzett bil-lejl biex forsi jaraha. *Omissis B* xehedet illi hija kienet irrabjat mieghu. *Omissis B* xehedet illi l-imputat ma kienx rega qalilha, kemm-il darba kien jigi bil-lejl fir-razzett sabiex forsi jaraha, izda qalet li fl-ahhar tlett (3) xhur qabel l-incident, matul il-lejl, il-klieb kienu il-hin kollu jinbhu. *Omissis B* xehedet illi kien jibghatilha messaggi “*baqa jibghatli l-hmieg”* u a fol.14 indikat il-kontenut tal-lingwagg vulgari ta’ l-*sms’s li* kien jibghatilha.

*Omissis B* xehedet illi darb’ohra kien raha fir-razzett u ried ifarfarla xi ghanqbud minn fuq il-flokk taghha izda ma hallietux u telqet tigri go darha. Hija xehedet illi kif kienet qed issakkar il-bieb, l-imputat lahaqha, beda jissara mal-bieb u jghidilha li riedha fizikament (ara fol.14). Hija tghid illi bdiet tghajjat ghal *Omissis M3* (it-tifel ta’ ohtha) sabiex b’hekk l-imputat jibza u jitlaq. Hija xehedet illi sabet diffikulta’ tghid lir-ragel taghha ghaliex l-imputat kien l-akbar habib tieghu. *Omissis B* xehedet fuq incident iehor fejn, waqt li kienet qed tiehu *shower*, sabet lill-imputat inemmsilha u jaghmel gesti oxxeni b’ilsienu. Hija kienet sakret id-dar ta’ barra ghax bdiet tibza minnu, il-ghaliex dakinhar zewgha kien mar jixtri xi gwiez. Meta r-ragel taghha gie lura u sab il-bieb imsakkar, kellha tghidlu li, meta tkun wahedha, hija ssakkar ghax tibza. L-imputat baqa jibghatilha l-messaggi li kien ser jirrejpjaha u hemmhekk iddecidiet li tghid lil zewgha u dana fil-prezenza ta’ missierha. Zewgha kecca lill-imputat.

*Omissis B* xehedet illi l-imputat beda jinnega ma’ zewgha illi hu baghatilha xi messaggi. Illi anke wara li tkecca minn zewgha, l-imputat beda jcempel fuq il-*mobile phone* taghha u hi bdiet tghaddi dan il-*mobile* lil zewgha u li minn

hemmhekk marru l-Ghassa u *"ghamilnielu garanzija." Omissis B* xehedet li, sussegwentement, *Omissis M1* bdiet tghidilha li l-imputat kien *"hatafni refani u beda jilghaqli widnejha, ressaqli x-shorts u l-qalziet ta' taht u dahalli subajh fil-parti tieghi."* Illi minn hemmhekk qabez binha *Omissis M2* u qalilha *" 'anke lili'. Kien jahsbu li hu gay."* (a fol.18). *Omissis M2* qal lil ommu li l-imputat kien jaqbadlu l-parti tieghu u jghidlu li l-parti genitali tieghu kienet ghadha zghira. Illi, minn hemmhekk, ir-ragel taghha kien mar ghas-sodisfazzjon izda l-imputat kien harab u minn hemm marru jaghmlu rapport iehor l-Ghassa.

*Omissis B* spjegat il-firxa tal-kmamar tar-razzett, abbinati mar-ritratti ezebiti. A fol.22, *Omissis B* spiccat biex tallega li l-imputat kien qieghed jinvalena lil zewgha sabiex ikun jista' *"jiehu lilha".* Hija giet mistoqsiha, ghaddietx dan it-*thermos* lis-Scene Of Crime Officers u *Omissis B* irrispondiet, *"Iva **ghandhom** johduh." Omissis B* spjegat li, mirakoluzament, l-ugiegh fl-istonku u f'saqajn ir-ragel taghha gheb, hekk kif tkecca l-imputat.

In kontro ezami, *Omissis B* spjegat illi hi u r-ragel taghha kellhom relazzjoni tajba hafna ma' l-imputat u li hi qatt ma tat kunfidenzi lill-imputat. Ikkonfermat illi hija gieli baghtet messaggi lill-imputat, pero', dejjem fuq istruzzjoni ta' zewgha u li qatt ma qaltlu dettalji fuq l-istat tas-sahha taghha (a fol.27). A fol.28 u 29, *Omissis B* xehedet fuq l-ammont ta' hin li kienet toqghod fl-istalel tar-razzett, minhabba li t-tifel taghha jkun jiehu gost joqghod hemm u li gieli sahansitra, meta zewgha ma kienx ikun ir-razzett, kienet titla hdejn *Omissis A* biex tatih xi ruggata, pero' dejjem teghlet mat-tfal. Hija kkonfermat (a fol.30) li kellha d-delizzju tat-trobbija taz-zwiemel u li dawn kienet tiehu hsiebom hi. Mistoqsi, kemm-il darba, *Omissis A* kienx jghinha fit-trobbija taz-zwiemel u ghal kura ta' l-irbit taz-zwiemel, *Omissis B* tirrispondi:

> ***"Omissis A qatt ma hrigt mieghu biz-ziemel jien,"***

ghalkemm tammetti li l-imputat, bhalha, kellu wkoll id-delizzju taz-zwiemel. Ikkonfermat illi l-imputat gieli rikeb

id-debba tar-ragel taghha. Tinnega illi *Omissis A* kellu jitlaq impjieg iehor sabiex jibda jahdem ma' zewgha u tallega li l-imputat kien imkecci minn dak l-impjieg.

*Omissis B* tinnega illi hija qalet lill-imputat li kellha certa marda, anzi tghid li kien zewgha li kien informa b'dana kollu lill-imputat, pero' sussegwentement tammetti li darba minnhom kienet qalet lill-imputat li kienet qed tiehu hafna *antibiotics*. Tinnega illi hija kienet tesponi l-parti intimi taghha ghall-imputat u tibghatlu messaggi biex jiltaqa' maghha f'certu passaggi fir-razzett u tinnega li esponiet sidirha lill-imputat sabiex tatih fastidju.

*Omissis B* tinnega illi hija u zewgha ghamlu r-rapport dwar l-abbuz sesswali tat-tfal taghhom, wara li l-imputat *Omissis A* mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija dwar hsarat fuq il-karozza tieghu, ikkagunati mir-ragel taghha. *Omissis B* tikkonferma illi hija kienet taf il-*girlfriends* ta' *Omissis A*, pero' ma kinitx tkellimhom. Tinnega li qatt kellha xi argument maghhom. *Omissis B* issostni li thobb lir-ragel taghha: *"Jiena kont inhobbu ezagerat."* (a fol.37)

*Omissis M2* (a fol.44) **ta' *omissis* (*omissis*) snin**, ikkonferma li kien jaf lill-imputat *Omissis A* u **li kien ilu jafu xi tmien (8) snin**. Mitlub jghid x'gara, *Omissis M2* jibda bis-segwenti:

***"Iva, hu ried jiehu lil ommi, dan l-ahhar issa m'ghadux jahdem maghna ghax kien irid jiehu lil ommi u keccejnieh."*** (a fol.45)

*Omissis M2* ikkonferma li huwa sema' lil genituri tieghu jiddiskutu fuq dak li gara dwar l-imputat *Omissis A* u ommu. *Omissis M2* xehed li l-imputat kien jghidlu hafna affarijiet fuq is-sess u biex jaghmel is-sess mal-habiba tieghu. Mitlub jghid x'jifhem bil-kelma 'sess', *Omissis M2* jghid:

***"Tinza man-nisa u taghmel l-affarijiet tal-kbar."***

A fol.49, *Omissis M2* xehed li l-imputat:

***“Kien jitkellem fuq is-sess biss meta jsemmi lilha (lil gharusa)”.***

*Omissis M2* kkonferma illi gieli mar jghum ma’ l-imputat *“Gieli kien jaqbadli l-parti tieghi biex jara jekk kibritx,”* u kien jinkieh fuq id-daqs tal-parti genitali tieghu u allura *Omissis M2* kien beda jhossu *gay*. Huwa qal illi l-imputat kien jghidlu li kellu jmiss il-‘farfett’ tal-habiba tieghu.

In kontro ezami, (a fol.54) *Omissis M2* kkonferma li huwa kien habib ta’ l-imputat sa ftit qabel dan il-kaz u li kien jiccajta naqra goff mieghu, ***“Le, ghax jiena dejjem kont nahsbu jiccajta,”*** u nduna li l-affarijiet li kienu qeghdin isiru ma kienux cajt meta sema’ lil missieru jiddiskuti dak li allegatament gara bejn ommu u l-imputat. *Omissis M2* kkonferma li l-azzjonijiet kollha **saru f’Awissu**. A fol.57, *Omissis M2* ammetta li kien irrabjat kontra *Omissis A*, minhabba li sema’ d-diskors tal-genituri tieghu ghal rigward ta’ dak li, allegatament, kien sar bejn ommu u l-imputat.

A fol.58, *Omissis M1* kkonfermat illi kienet taf lill-imputat il-ghaliex kien lavrant fir-razzett taghhom u qalet li m’ghadhiex hbieb ma’ *Omissis A* il-ghaliex, *“ghamilli hafna affarijiet.”* A fol.60, *Omissis M1* xehedet illi l-Gimgha fit-tlettax (13), l-imputat kien rassa go rokna b’serkin, illi hi telqet tigri u stahbiet, izda l-imputat xorta sabha: *“Refghani bhan-naghag, nezzali x-shorts u l-qalziet ta’ taht,”* u dahhallha subajh gol-parti taghha. Meta gara dan, *Omissis M1* bdiet tghati lill-imputat fuq daharu (a fol.61). Illi hija qatt ma qalet xejn lil genituri taghha fuq dan. *Omissis M1* kkonfermat li dan ix-*shorts* li kienet liebsa kellu l-qalza wiesgha u l-lastiku fil-qadt. *Omissis M1* kkonfermat (a fol.66) illi hija kienet qalet lil ommha b’dak li gara il-ghaliex semghatha tiddiskuti ma’ missierha b’dak kollu li allegatament ghamel *Omissis A* lil ommha.

Spettur Cassar fix-xhieda tieghu (a fol.88 et seq.) ikkonferma li *Omissis B* u zewgha *Omissis C* rregistraw rapport kontra l-imputat *Omissis A* fid-18 ta’ Awissu 2004, fis-sens li *Omissis B* kienet qed tallega li kienet qed tirciev

diversi telefonati u *sms's* minghand l-imputat. Spettur Cassar ikkonferma x-xhieda ta' *Omissis B* dwar l-avvanzi sesswali da parti ta' l-imputat versu lejha. Spettur Cassar ikkonferma li l-Hadd 22 ta' Awissu 2004, *Omissis C* sar jaf dwar l-allegazzjoni ta' abbuz sesswali fuq it-tfal tieghu u, fis-sahna tal-mument, kien infexx fuq il-karozza ta' l-imputat u kissrilha z-zewg (2) *windscreens* b'kanna tal-hadid. L-imputat kien mar jaghmel rapport l-Ghassa fuq dawn il-hsarat u **sussegwentement, *Omissis B* u *Omissis C* irregistraw rapport rigward abbuz sesswali fuq it-tfal taghhom,** issejhet inkjesta u saru t-tfittxijiet fuq il-vettura ta' l-imputat *Omissis A* u fuq dik ta' *Omissis C*.

Spettur Cassar (a fol.92 et seq.) ikkonferma dak li qalulu t-tfal (*Omissis M1* u *Omissis M2*) dwar l-agir ta' l-imputat fil-konfront taghhom. Spettur Cassar xehed illi in segwitu ta' dana kollu, huwa kien arresta lil *Omissis A* u li *Omissis A* kien irrilaxxa stqarrija li fiha kien innega kull allegazzjoni, b'mod specjali illi huwa qatt baghatilha *sms's* vulgari u ta' natura sesswali esplicita' u li qatt kien qed inemmsilha waqt li kienet fis-*shower*. L-imputat, pero', informa lill-Ufficjal Prosekutur illi kienet *Omissis B* li kienet nezghat gharwiena fil-prezenza tieghu u li kienet taghtih dettalji ta' l-attivita' sesswali ta' bejnha u bejn zewgha. L-imputat cahad illi qatt ta xi skandlu lil *Omissis M2* jew lil *Omissis M1* (ara stqarrija Dok.AC a fol.97 et seq.)

PC 1330 Alexander Schembri (a fol.102) kkonferma r-rapport tal-konjugi *Omissis BC* datata 22 ta' Awissu 2004 (Dok.PS a fol.105).

PC 190 Jesmond Farrugia (a fol.110) kkonferma l-istqarrija Dok.AC

*Omissis C* (a fol.112) ikkonferma r-rapport tieghu datata 22 ta' Awissu 2004. Ikkonferma li l-imputat kien impjegat tieghu u l-fatt li kienu jitrattaw lill-imputat bhala membru tal-familja, li qatt ma kellu *trouble* mal-mara tieghu u dak kollu li kienet qaltlu l-mara u t-tfal.

PC 886 ikkonferma l-istqarrija ta' l-imputat *Omissis A*.

Marica Fenech, Deputat Registratur (a fol.157), ezebiet process verbal Dok.MF.

Spettur Cassar ezebixxa l-att tat-twelid taz-zewg (2) minuri (Dok.ACX u Dok.ACY a fol.168 u fol.169).

Dr. Mario Scerri (a fol.171) ikkonferma r-relazzjoni tieghu a fol.10 tal-Process Verbal fejn ikkonkluda li ***“Ma kienx hemm indikazzjonijiet li kien hemm penetrazzjoni sforzata fil-vagina ta’ Omissis M1”*** (a fol.15 tal-Process Verbal Dok.MF).

P.L. Giuliana Scerri Ferrante (a fol.173) ikkonfermat ir-relazzjoni taghha ezebita a fol.19 u fol.20 tal-Process Verbal (Dok.MF).

Chris Darmanin ikkonferma l-imputat kien il-proprjetarju ta’ vettura *omissis* bin-numru tar-registrazzjoni *omissis* (a fol.173).

Spettur Anthony Cassar (a fol.180) ezebixxa l-ezebit ACX1 u ACX2, il-*mobiles* ta’ *Omissis A* u *Omissis B* rispettivament.

Espert Martin Bajada, nominat sabiex johrog il-kontenut tal-*mobiles* indikati, ezebixxa r-relazzjoni tieghu Dok.MB (a fol.184 et seq.)

Mir-relazzjoni ta’ l-Espert Martin Bajada, jirrizulta illi l-messaggi oxxeni li dwarhom xehedet *Omissis B* jinstabu **fl-*outbox* tal-*mobile*** taghha u ghaldaqstant ma hemmx prova ta’ dak kollu li tallega *Omissis B*, **izda jidher bic-car (ara a fol.204) illi *Omissis B* baghtet messaggi, b’informazzjoni mill-aktar intima, lill-imputat u jidher illi *Omissis M2* kien jibghat messaggi lill-imputat.**

PS 1261 Charles Pace ezebixxa Dok.PSA1 sa Dok.PS5, ritratti ta’ karozza u ghodod misjuba fiha.

Dr. Miriam Micallef (a fol.214 et seq.) ezebiet ir-relazzjoni taghha Dok.MM li ddeskriviet it-trawma tat-tfal bhala ‘*post-traumatic stress disorder*’.

**Espert Martin Bajada (a fol.228) ikkonferma li l-messaggi misjuba fuq il-*mobile* ta' *Omissis B*, kienu fl-*outbox* tal-*mobile* taghha u ma kienx hemm prova jekk dawn gewx krejati biex jintbaghatu jew ikkopjati wara li rcivietho m.**

**Espert Martin Bajada, riprodott (a fol.235), ikkonferma l-messagg li *Omissis B* kienet baghtet lill-imputat.**

In kontro ezami, Spettur Anthony Cassar (a fol.243) **xehed li jista' jkun li l-imputat *Omissis A*, kien mar, minn rajh, biex jaghmel rapport kontra *Omissis C*, dwar hsarat li ghamel fuq il-vettura ta' l-imputat.** Spettur Cassar ikkonferma li kien eleva z-zewg (2) *mobiles* koncernanti u cioe dawk ta' *Omissis B* u ta' l-imputat *Omissis A*. Spettur Cassar ikkonferma li, b'dak kollu li gara, sar fil-*farmhouse* tal-konjugi *Omissis BC*. **Spettur Cassar ma setghax jiftakar jekk membri tal-familja *Omissis BC* kienux avvicinawh u urewh ix-xewqa li xtaqu jirtiraw l-azzjoni kriminali.**

Fit-tieni kontro ezami tieghu (a fol.250 et seq.), Spettur Anthony Cassar ma setghax jiftakar kinitx saret allegazzjoni ta' avvelenament ta' *Omissis C* mill-imputat *Omissis A*. Spettur Cassar ma setghax jikkonferma jekk xi *thermos* jew bottijiet tal-velenu jew medicinali gew mghoddija lilu fl-istadju ta' l-inkjesta.

Fit-tielet kontro ezami tieghu (a fol.250), Spettur Anthony Cassar xehed li wara li kellem il-persuna mill-*Forensic Lab* **(li ma setghax jiftakar min kienet)**, kienu qalulu li kienet inutili li jsiru ezamijiet ghall-velenu, il-ghaliex kien ghaddew xi tlett (3) gimghat. Minkejja illi *Omissis B* qaltlu illi, kif l-imputat gie licenzjat, sahhet zewgha (*Omissis C*) tjiebet mirakoluzament, tant illi anke t-tobba staghgbu, Spettur Cassar ma kellu f'idejh ebda certifikat ta' xi tabib f'dan ir-rigward.

Christopher Farrugia (a fol.263) ikkonferma illi kien gie mistoqsi mill-Ufficjal Prosekutur, u jekk kienx possibli jsiru

analizi ghal prezenza ta' velenu f'*thermos*, li kien qed jigi mahsul ripetutament fuq meddha ta' zmien konsiderevoli u li kkonferma li qatt ma ghamel ebda analizi fuq xi *thermos;* li ma gie mghoddi lilu ebda *thermos* u ebda nomina ma giet komunikata lilu.

**Spettur Anthony Cassar, riprodott (a fol.265), ikkonferma li, ghalkemm eleva dan it-*thermos*, dan rega raddu lura, minghajr ma saru ezaminazzjonijiet. Spettur Cassar ma setghax jiftakar jekk ha f'idejh xi medicinali li *Omissis B* kellha suspett li kienu nvelenati.**

*Omissis B* ikkonfermat li l-*mobile* taghha kien *omissis* tal-marka '*omissis*'. *Omissis B* ikkonfermat illi hija kienet tat lil Pulizija s-*SIM Card* **li kienet tat-tifla taghha.** *Omissis B* ikkonfermat illi hija **kienet hassret** il-messaggi vulgari li kien jibghatilha l-imputat, pero' certi messaggi kienet ftakrithom u kienet ittajpjathom fl-*outbox* u li wiehed minn dawn il-messaggi kienet ifforwerdjatu. **Mistoqsija il-ghaliex ma tatx spjegazzjoni shieha fuq dawn il-messaggi fl-ewwel xhieda taghha, *Omissis B* baqghet issostni li kienet xehedet dwar dan.**

In re-ezami, *Omissis B* xehedet illi l-imputat kien dejjem jibghatilha messaggi b'konnotazzjonijiet sesswali u xehedet:

***"Jekk jiena nghid li ma rridx nirrispondih, l-ewwel ma jghidli 'Lili toqghodx tirrispondini ghax jiena ghandi l-power'…ghax jaqbad jaghtini…'jekk ma taghmiliex din, ntik daqqa go wiccek.' "***

*Omissis B* xehedet li f'zewg (2) okkazzjonijiet, **ikkontemplat tikkommetti suwicidju.**

Mix-xhieda ta' l-imputat *Omissis A* jirrizulta li huwa kien iddecieda li jmur l-Ghassa jaghmel rapport fit-22 ta'

Awissu, 2004, il-ghaliex *Omissis C* kien hebb ghalih, heddu u farraklu l-karozza u beda jghajjat illi hu (l-imputat) kien ittantalu lil mara. Illi fit-18 ta' Awissu kienu cemplulu mill-Ghassa u qalulu biex ma jkellimx lil familja *Omissis BC*. Illi *Omissis C* kien attakka l-karozza ta' l-imputat, faqa l-*windscreen* ta' quddiem u ta' wara permezz ta' hadida. Illi meta ghamel ir-rapport, il-Pulizija qalulu biex jistenna u sussegwentement, l-Ispettur Cassar beda jsaqsieh domandi fuq il-familja *Omissis BC* u bdew isiru l-allegazzjonijiet illi huwa ttanta lil *Omissis B* u li abbuza, b'mod sesswali, liz-zewgt (2) itfal. L-imputat ikkonferma li fl-*istatement* tieghu huwa cahad kull allegazzjoni u li din l-istqarrija (a fol.97) giet guramentata quddiem l-Espert nominat mill-Qorti. L-imputat ikkonferma li fil-karozza tieghu, l-Pulizija kienu qed iwettqu tfittxija u sabu sikkina u mejlaq li jintuzaw ghax-xoghol tieghu.

L-imputat ikkonferma li ghal, approssimament, erbatax (14), hmistax (15)-il sena, kien jahdem mal-familja tal-konjugi *Omissis BC*; ta spjegazzjoni ta' kif kien isir ix-xoghol fir-razzett li kien propjeta' ta' missier *Omissis C* u tal-bhejjem li kienu jitrabbew fir-razzett. L-imputat *Omissis A* kkonferma li dejjem ra rispett kbir minghand missier *Omissis C*, li sussegwentement kien jahdem ma' '*omissis'*, imbaghad kien rega beda jahdem ma' *Omissis C* u *Omissis B*. L-imputat xehed li wara xi sitt (6) xhur li rega beda jahdem mal-familja *Omissis BC*, *Omissis B* bdiet tgorr mieghu kontra zewgha, fis-sens li ma kienx jaghti kazha u li tkun triq tmur ghand it-tabib wahedha. Illi wara li kien ilesti x-xoghol, *Omissis B* kienu tghidlu biex jarmalha z-ziemel u kienu johorgu *horse riding* mat-tfal u hemmhekk kienet tkompli tghidlu fuq affarijiet ta' natura personali. Darba minnhom cemplitlu u qaltlu biex jinzel fejn il-maqjel tal-hniezer u meta mar, *Omissis B* bdiet tghajjatlu u kif ratu, gholliet il-flokk u nizlet ix-*shorts*. L-imputat jghid: ***"Dak il-hin ksaht jien."*** L-imputat xehed illi huwa dar u telaq 'l hemm, ma armax iz-zwiemel tal-familja *Omissis BC* u kien vera konfuz u beda jikkonsidra ghandux jitlaq mix-xoghol addirittura.

L-imputat *Omissis A* li, ftit wara, huwa kien iddecieda li jitlaq mill-post tax-xoghol u nforma lil *Omissis B*, **pero'**

**qabel ma lahaq informa lil *Omissis C*, din marret tghid lil zewgha: *"dawritha kif hasset hi."***

L-imputat iddikjara li huwa ma baghat ebda messaggi lil *Omissis B* bhal dawk li fuqhom xehedet. L-imputat iddikjara li *Omissis C* ma kienx izomm *mobile* fuqu u meta l-imputat kien ikun ma jiflahx, kien ikollu jcempel lil *Omissis B* biex jinnotifikaha. L-imputat *Omissis A* kkonferma wkoll li t-tfal (*Omissis M2* u *Omissis M1*) kellhom ukoll *mobiles* taghhom.

L-imputat *Omissis A* xehed illi meta *Omissis C* rinfaccjah bl-akkuza li huwa (l-imputat) kien qed jibghat messaggi oxxeni lil mara tieghu, l-imputat talbu jurihomlu, **izda *Omissis B* qaltlu li kienet hasrithom.** L-imputat jinnega li kien nemmsilha waqt li *Omissis B* kienet qed tiehu *shower*. L-imputat cahad li qatt mess lit-tfal u **fil-fatt, *Omissis M2*, fix-xhieda tieghu, ammetta li huwa kien ghadu habib ta' l-imputat.** L-imputat xehed li, ghalkemm kien jiccajta mat-tfal, **qatt ma ccajta bil-manjiera li kienet qed tallega *Omissis B*.** Ghal rigward ta' *Omissis M1*, l-imputat innega bl-iktar mod vociferu u xehed li darba biss kien refa lil din it-tifla u dana fil-prezenza ta' missierha (*Omissis C*), meta din it-tifla ghalqitlu l-grada biex ma thalliehx imur id-dar. **L-imputat xehed li hu kien refaghha u kkonsenjaha lil missierha.**

L-imputat *Omissis A* xehed li huwa, f'ebda mument, ma kellu grazzja ma' *Omissis B* u li qatt ma xtaq ikollu relazzjoni sesswali maghha. L-imputat xehed li xejn minn dak li qalu t-tfal ma kien il-verita'.

Dr. Andy Ellul ikkonferma li meta kien membru tal-Pulizija, *Omissis C* u *Omissis B* kienu ghamlu xi allegazzjoni fuq impjegat taghhom *Omissis A*. **Huwa xehed li meta baghat ghalih, huwa kien qallu li kienet *Omissis B* li kienet qed tipprovokah sesswalment.** Illi huwa spicca minn mal-Korp tal-Pulizija meta kien lahaq Nutar. Dr.Ellul xehed li l-investigazzjoni mbaghad kienet tkompliet mill-Ispettur Anthony Cassar. Dr.Ellul ma setghax jiftakar meta l-konjugi *Omissis BC* kienu rregistraw l-ewwel rapport.

Probation Officer John Testa, ezebixxa s-Social Inquiry Report tieghu (Dok.JT). Fix-xhieda tieghu amplifika fuq ir-rapport tieghu u r-rizultanzi. Huwa kkonferma li, ghal rigward ta' *Omissis M1* u *Omissis M2*, **huwa ma setghax jitkellem maghhom u tkellem biss mal-Psikologista taghhom.**

*Omissis D* xehedet illi hija kienet f'relazzjoni ma' l-imputat *Omissis A* xi tlett snin u nofs u li kellha tifel minn relazzjoni antecedenti. Hija kkonfermat illi saret taf lil *Omissis B* meta *Omissis A* kien jahdem mar-ragel taghha (*Omissis C*) u xehedet fuq ir-reazzjoni ta' *Omissis B* kull darba li kienet tara lill-imputat:

***"Hafna affarijiet anqas jien stess ma nimmaginahom…mossi hafna meta tarah, qisha ddub."***

*Omissis D* xehedet li *Omissis B* kienet taghmel tratti li ma jixirquh mara mizzewga u ta' l-eta' taghha bhal, per ezempju, **titla' fuq il-mejda u tizfen quddiemu (quddiem l-imputat) b'*shorts* qasir.** Ikkonfermat illi l-mossi li kienet taghmel, ***"kienet taghmilhom ghalih."*** *Omissis D* xehedet li *Omissis B* kienet tifflirtja ma' l-imputat u kien jidher li kien persuna specjali ghaliha. *Omissis D* xehedet li *Omissis B* kienet tkellem lill-imputat u taghmel wiccha ma' wiccu u kienet il-hin kollu tiprova tingaggjah fid-diskors. *Omissis D* xehedet illi l-imputat kien qalilha fuq dik l-okkazzjoni meta *Omissis B* kienet nezghatlu b'sidirha barra.

*Omissis D* xehedet bil-manjiera li biha kienet tafda lill-imputat ma' binha (li dak iz-zmien kellu *omissis* snin). *Omissis D* xehedet ukoll illi mhux biss kien johrog lit-tifel taghha, izda t-tfal ta' ohtha wkoll kienu, pjenament, afdati mieghu. Ikkonfermat illi n-numru *omissis* kien in-numru tal-*mobile* taghha u kkonfermat il-messagg li baghtet hi lill-imputat. *Omissis D* kkonfermat illi hija kien ser ikollha tarbija mir-relazzjoni li kellha ma' l-imputat, izda li kienet korriet. *Omissis D* giet muriha l-messaggi li, allegatament, intbaghatu mill-imputat *Omissis A* lil *Omissis B*, li gew misjuba fl-*outbox* tal-*mobile* ta' *Omissis B* u nnegat li

dawn il-messaggi kien baghathom l-imputat, il-ghaliex l-imputat *"Ma kienx jitkellem hekk."* Ikkonfermat ukoll li qatt ma rceviet messaggi vulgari minghand *Omissis A* il-ghaliex diskorsu ma kienx vulgari.

*Omissis E*, hu l-imputat *Omissis A*, ikkonferma li kellu tifel ta' *omissis* (*omissis*) snin u li kien jafda lil ibnu ma' l-imputat. Ikkonferma li l-imputat kien ta' karattru misthi u ma kellux diskorsu vulgari.

*Omissis F*, oht l-imputat *Omissis A*, ikkonfermat li kellha tlett (3) itfal subien ta' *omissis* (*omissis*), *omissis* (*omissis*) u *omissis* (*omissis*) snin u kkonfermat li t-tfal taghha jirrispettaw hafna lil zijuhom (*Omissis A*) u jqattghu hafna *weekends* ghandu u qatt ma rat xi tifel minn taghha, jiskartah jew jibza' minnu, anzi jkunu huma li jghidulha biex imorru ghandu.

Ikkonsidrat:

Din il-Qorti taghraf li dan il-kaz jippernja b'mod assolut fuq il-kredibilita' tal-protagonisti ta' dan il-kaz. F'dan ir-rigward il-Qorti ghandha l-insenjament ta' l-Artikolu 637 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta li jigwidaha:

*"L-eccezzjonijiet dwar wahda jew ohra mir-ragunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies ta' l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."*

Fil-kaz in ezami, meta wiehed jifli bir-reqqa x-xhieda twila ta' *Omissis B*, wiehed ma jistghax ma jinnotax li din il-mara hija ossessjonata biha nnifisha, b'sens sturtat ta' l-importanza taghha u ta' l-isbuhija u l-poter taghha li tattira l-irgiel. Illi l-kliem taghha juru l-fantaziji patetici taghha u l-ossessjoni sesswali li hija kellha fuq l-imputat. Illi meta

dan irrigetta l-avvanzi sesswali taghha u ra li jkun ghaqli ghalih li jitlaq mill-impjieg, hija bezghat li l-imputat kien ser ikun kostrett jaghti r-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu u li, allura, il-verita' kollha kienet ser tinkixef, b'konsegwenzi fatali ghaz-"zwieg" bejnha u bejn ir-ragel taghha. Il-Qorti ghamlet diversi accenni fix-xhieda ta' *Omissis B* billi, permezz ta' brani ta' xhieda taghha, gew enfasizzati b'tipa hoxna.

Illi, in oltre', *Omissis B* irnexxielha tinvalena l-memorja taz-zewgt itfal taghha fuq ir-relazzjoni ta' hbiberija li dawn kellhom ma' l-imputat billi stortat cajt, forsi anke goff, bejnu u bejn it-tfal u tathom xejra u tifsira ta' hazen. Apparti dan, din il-Qorti temmen li dawn iz-zewgt (2) itfal kienu *"primed"* addirittura. Il-Qorti ghamlet accenn billi enfasizzat il-kliem tal-minuri li deherilha li juri dana kollu u taghmel accenn ghal fatt li *Omissis M2* jallega li dawn l-affarijiet saru biss f'Awissu (allura wara li sema lil genituri tieghu jiddiskutu lill-imputat) u l-kliem preciz li uza dawn it-tfal li juri li persuna adulta kienet qeghedha tistruwihom ghal dak li kellhom jghidu. Eppure fl-ahhar parti tax-xhieda tieghu, *Omissis M2* ammetta li kien ghadu habib ta' *Omissis A*. Illi, fl-istess manjiera, ix-xhieda ta' *Omissis M1* kienet prattikament recita ta' dak li kienet taghlmet u din il-Qorti fehemet li certu kliem lanqas biss kienet taf x'ifissru. L-incident fejn l-imputat suppost immolesta lil minuri huwa teknikament impossibli, il-ghaliex *Omissis M1* tallega li l-imputat qabadha bhal naghga fuq spallejh u li kien qed irazzanha b'idejh it-tnejn u li waqt li kienet f'din il-pozizzjoni u hi qed tissara mieghu, rnexxielu jnezzalha x-*shorts* u l-qalziet ta' taht u jdahhal subajh fil-parti privata taghha. Il-Qorti hija konfortata, bic-certifikat mediku awtentikat mit-tabib li rrilaxxah, li *Omissis M1* ghandha *hymen* intatta.

*Omissis B* taghmel hafna enfasi fuq il-provi tal-messaggi vulgarissimi li, allegatament, l-imputat baghat lilha li kienu ghadhom kontenuti fil-*mobile* taghha. Mill-kontro ezami taghha, pero', u mir-rapport ta' l-Espert Martin Bajada, jirrizulta anke ampju, **illi ebda messagg ta' l-imputat ma**

**gie misjub fl-*inbox* tal-*mobile* ta' *Omissis B*.** Il-messaggi oggezzjonabbli gew misjuba biss fl-*outbox* ta' dan il-*mobile* u *Omissis B* issostni li hija kienet ftakkret dawn il-messaggi u kitbithom wara li hassrithom.

Ikkonsidrat:

Il-Qorti ma tista', bl-ebda mod, takkolji dak illi *Omissis B* ipprovat tipperswadi din il-Qorti. Ma ghandux mis-sewwa u mhux verosimili illi persuna thassar messaggi oggezzjonabbli biex imbaghad terga tiktibhom fl-*outbox* taghha, dan qieghed jinghad il-ghaliex jirrizulta li *Omissis C* ma kienx dilettant tal-*mobiles* u ma deherx li kien jaf juzahom, illi ghalhekk certament ma kienx ser ikun teknikament istruwit biex jindaga fuq il-messaggi ta' martu. Illi, di piu', jekk kemm-il darba *Omissis B* xtaqet thassar il-messaggi minn fuq il-*mobile* taghha, pero' zzomm xi tip ta' prova, setghet facilment tifforwerdja dawn il-messaggi lil terza persuna. Dan ma sarx. **L-unika prova li ghandha din il-Qorti huwa li *Omissis B* ittajpjat dawk il-messaggi fil-*mobile* taghha.**

**Illi, di piu', hemm ix-xhieda ta' *Omissis D* (*ex-girlfriend* ta' l-imputat) illi xehedet bl-aktar mod akkurat fuq il-mod illi bih *Omissis B* kienet taghti wicc lill-imputat, kif kienet titla', sahansitra, fuq l-imwejjed, b'*shorts* qasir, biex tizfen ghall-imputat, kif kienet tingaggjah fid-diskors u l-"kummiedji" li kienet taghmel ghall-imputat.**

Illi, apparti min dan, *Omissis D* xehedet, bl-aktar mod skjett, illi kienet **tafda lill-imputat b'binha b'ghajnejjha maghluqa, kif kienu jaghmlu hut l-imputat li kellhom erba' (4) subien taht it-*omissis* (*omissis*)-il sena li kienu jafdawhom mieghu ghal *weekends* shah.**

Illi, apparti dana kollu, l-apice tal-gideb ta' *Omissis B*, kienet l-akkuza ta' l-avvelenament da parti ta' l-imputat fuq zewgha *Omissis C*. Il-Qorti lanqas kellha xrara ta' evidenza fuq din il-materja il-ghaliex, il-cosidetto *thermos*

kien ilu jinhales ghal tlett (3) gimghat qabel ma gie indikat lill-Ispettur Anthony Cassar. Illi, di piu', l-Espert Christopher Farrugia kkonferma li hadd ma ghaddielu *thermos* u hadd ma nnotifikah bin-nomina tieghu.

In vista ta' dana kollu, din il-Qorti ssib lill-imputat ***Omissis A*** mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------